VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19,599, 28 ta' Ġunju, 2016
Taqsima A

MALTA

ATT Nru XXXIV tal-2016

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT biex jemenda diversi liġijiet sabiex tiġi trasposta d-Direttiva 2013/55/KE.

ACT No. XXXIV of 2016

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT to amend various laws for the purposes of transposing Directive 2013/55/EU.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.) **MARIE-LOUISE COLEIRO PRECA**
President

28 ta' Ġunju, 2016

ATT Nru XXXIV tal-2016

ATT biex jemenda diversi liġijiet sabiex tiġi trasposta d-Direttiva 2013/55/KE.

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità tal-istess, ħarġet b'liġi dan li ġej:-

1. It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att hu l-Att tal-2016 biex jemenda Diversi Liġijiet (Implimentazzjoni tad-Direttiva 2013/55/KE). Titolu fil-qosor.

Taqsima I
Emendi għall-Att dwar l-Edukazzjoni

2. Din it-Taqsima temenda l-Att dwar l-Edukazzjoni u għandha tinqara u tinftiehem ħaġa waħda mal-Att dwar l-Edukazzjoni, hawnhekk iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima msejjaħ "l-Att prinċipali". Emendi għall-Att dwar l-Edukazzjoni. Kap. 327.

3. Fis-subartikolu (2) tal-artikolu 24 tal-Att prinċipali, minflok il-kliem "Persuna tikkwalifika għal *warrant*" għandhom jidħlu l-kliem "Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-Att dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku ta' Kwalifiki u regolamenti magħmula taħt l-istess Att, persuna tikkwalifika għal *warrant*". Emenda tal-artikolu 24 tal-Att prinċipali.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Taqsima II
Emendi għall-Att dwar Servizzi tal-Ivvjaġġar u tat-Turiżmu għal Malta

Emendi għall-Att dwar Servizzi tal-Ivvjaġġar u tat-Turiżmu għal Malta. Kap. 409.

4. Din it-Taqsima temenda l-Att dwar Servizzi tal-Ivvjaġġar u tat-Turiżmu għal Malta u għandha tinqara u tinftiehem ħaġa waħda mal-Att dwar Servizzi tal-Ivvjaġġar u tat-Turiżmu għal Malta, hawnhekk iżjed ’il quddiem f’din it-Taqsima msejjaħ "l-Att prinċipali".

Emenda tal-artikolu 28 tal-Att prinċipali.

5. Fl-artikolu 28 tal-Att prinċipali, minflok il-kliem "Ma għandha tinħareġ jew tiġġedded" għandhom jidħlu l-kliem "Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-Att dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku ta’ Kwalifiki u regolamenti magħmula taħt l-istess Att, ma għandha tinħareġ jew tiġġedded".

Taqsima III
Emendi għall-Att dwar is-Servizzi Veterinarji

Emendi għall-Att dwar is-Servizzi Veterinarji. Kap. 437.

6. Din it-Taqsima temenda l-Att dwar is-Servizzi Veterinarji u għandha tinqara u tinftiehem ħaġa waħda mal-Att dwar is-Servizzi Veterinarji, hawnhekk iżjed ’il quddiem f’din it-Taqsima msejjaħ "l-Att prinċipali".

Emenda tal-artikolu 2 tal-Att prinċipali.

7. Fl-artikolu 2 tal-Att prinċipali, minnufih wara t-tifsira "sieħeb fil-kummerċ", għandhom jiżdiedu t-tifsiriet ġodda li ġejjin:

" "tagħlim tul il-ħajja" tfisser l-edukazzjoni ġenerali, l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, l-edukazzjoni mhux formali u t-tagħlim informali kollu li ttieħdu tul il-ħajja, li jirriżultaw f’titjib fl-għarfien, fil-ħiliet u l-kompetenzi, li jista’ jinkludi l-etika professjonali;";

"test ta’ abiltà" tfisser test ta’ għarfien, ħiliet u kompetenzi professjonali tal-applikant, magħmul mill-Kunsill bil-ħsieb li jevalwa l-abbiltà tal-applikant sabiex isegwi professjoni regolata f’Malta;".

Emenda tal-artikolu 43 tal-Att prinċipali.

8. L-artikolu 43 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu (b) tas-subartikolu (5) tiegħu, minflok il-kelma "sentejn" għandha tidħol il-kelma "sena";

(b) is-subparagrafu (ii) tal-paragrafu (b) tas-subartikolu (6) tiegħu għandu jiġi sostitwit b’dan li ġej:

"(ii) Il-Kunsill għandu, mhux aktar tard minn xahar wara li jkun għarraf lil applikant li jkun rċieva

VERŻJONI ELETTRONIKA

d-dikjarazzjoni u d-dokumenti li jakkumpanjawha, jinforma lill-applikant bid-deċiżjoni tiegħu li ma jivverifikax il-kwalifiki professjonali tiegħu jew, wara li jkun ivverifika l-kwalifiki professjonali tiegħu, jitlob lill-applikant jagħmel test ta' kapaċità jew jippermetti l-forniment tas-servizzi.";

(ċ) minnufih wara s-subparagrafu (iv) tal-paragrafu (b) tas-subartikolu (6) tiegħu għandhom jiżdiedu s-subparagrafi ġodda li ġejjin:

"(v) Fejn ikun hemm differenza sostanzjali bejn il-kwalifiki professjonali tal-applikant u t-taħriġ meħtieġ f'Malta, tant li d-differenza tkun ta' dannu għas-saħħa jew is-sikurezza pubblika, u ma tistax tiġi kkumpensata minn esperjenza professjonali jew mill-għarfien, ħiliet u kompetenzi miksuba permezz tat-tagħlim tul il-ħajja tal-fornitur tas-servizz, ivvalidati formalment għal dak il-għan minn korp rilevanti, il-Kunsill għandu jagħti lil dak il-fornitur tas-servizz l-opportunità li juri, permezz ta' test ta' kapaċità, li jkun kiseb l-għarfien, il-ħiliet jew il-kompetenza li kienu neqsin. Il-Kunsill għandu jieħu deċiżjoni abbażi ta' dak dwar jekk jippermettix il-forniment ta' servizzi. Fi kwalunkwe każ, għandu jkun possibbli li jiġi pprovdut is-servizz fi żmien xahar mid-deċiżjoni meħuda skont is-subparagrafu (ii).

(vi) Kull test ta' kapaċità għandu jiġi provdut direttament mill-Kunsill jew kuntrattat lil entità, organizzazzjoni jew istitut magħżul mill-Kunsill.

(vii) L-ispejjeż konnessi mat-teħid ta' test ta' kapaċità għandhom jitħallsu mill-applikant."; u

(d) minnufih wara s-subartikolu (6) tiegħu, għandu jiżdied is-subartikolu ġdid li ġej:

"(7) (a) Kirurgi veterinarji li jibbenefikaw mir-rikonoxximent ta' kwalifiki professjonali għandu jkollhom għarfien ta' lingwi neċessarju għall-ipprattikar tal-professjoni f'Malta.

(b) Il-Kunsill għandu jiżgura li kwalunkwe verifika mwettqa sabiex tiġi kontrollata l-konformità mal-obbligu taħt il-paragrafu (a) tkun limitata għall-għarfien ta' lingwa uffiċjali waħda ta'

VERŻJONI ELETTRONIKA

Malta.

(ċ) Il-verifiki mwettqa fis-sens tal-paragrafu (b) jistgħu jiġu imposti fejn ikun hemm dubju serju u konkret dwar is-suffiċjenza tal-għarfien tal-lingwa professjonali fir-rigward tal-attivitajiet professjonali li dak il-kirurgu veterinarju għandu l-ħsieb iwettaq.

(d) Il-verifiki jistgħu jitwettqu biss wara r-rikonoxximent ta' kwalifika professjonali.

(e) Kull verifika tal-għarfien lingwistiku għandha tkun proporzjonata mal-attività li għandha titwettaq, u hija soġġetta għal appell.".

Taqsima IV
Emendi għall-Att dwar il-Patrimonju Kulturali

Emendi għall-Att dwar il-Patrimonju Kulturali. Kap. 445.

9. Din it-Taqsima temenda l-Att dwar il-Patrimonju Kulturali u għandha tinqara u tinftiehem ħaġa waħda mal-Att dwar il-Patrimonju Kulturali, hawnhekk iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima msejjaħ "l-Att prinċipali".

Emenda tal-artikolu 33A tal-Att prinċipali.

10. L-artikolu 33A tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) tiegħu, minflok il-kelma "sentejn" għandha tidħol il-kelma "sena";

(b) fil-paragrafu (e) tas-subartikolu (2) tiegħu, minflok il-kelma "sentejn" għandha tidħol il-kelma "sena";

(ċ) is-subartikolu (3) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(3) Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-Att dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku ta' Kwalifiki u minkejja d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 31 ta' dan l-Att, il-preżentazzjoni ta' dikjarazzjoni skont is-subartikolu (2) għandha tintitola lil dik il-persuna biex ikollha aċċess għall-professjoni ta' ristawratur jew li teżerċita dik l-attività fit-territorju kollu ta' Malta."; u

(d) is-subartikoli (5) u (6) tiegħu għandhom jiġu mħassra u s-subartikolu (7) tiegħu għandu jiġi enumerat mill-

VERŻJONI ELETTRONIKA

ġdid bħala s-subartikolu (5).

Taqsima V
Emendi għall-Att dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku ta' Kwalifiki

11. Din it-Taqsima temenda l-Att dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku ta' Kwalifiki u għandha tinqara u tinftiehem ħaġa waħda mal-Att dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku ta' Kwalifiki, hawnhekk iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima msejjaħ "l-Att prinċipali". Emendi għall-Att dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku ta' Kwalifiki. Kap. 451.

12. Fl-artikolu 2 tal-Att prinċipali t-tifsira "esperjenza professjonali", għandha tiġi sostitwita b'dan li ġej: Emenda tal-artikolu 2 tal-Att prinċipali.

" "esperjenza professjonali" tfisser it-twettiq attwali u legali *full-time* jew *part-time* ekwivalenti tal-professjoni kkonċernata fi Stat Membru;".

13. Minnufih wara s-subartikolu (2) tal-artikolu 5 tal-Att prinċipali għandu jiżdied is-subartikolu ġdid li ġej: Emenda tal-artikolu 5 tal-Att prinċipali.

"(3) Il-Koordinatur għal Rikonoxximent Reċiproku huwa wkoll responsabbli li:

(a) jiġbor l-informazzjoni kollha li hija relevanti għall-applikazzjoni tad-Direttiva 2005/36/UE;

(b) jeżamina suġġerimenti għall-oqfsa ta' taħriġ komuni u testijiet ta' taħriġ komuni;

(ċ) jgħaddi u jirċievi informazzjoni u l-aħjar prattika sabiex jottimizza l-iżvilupp professjonali kontinwu fl-Istati Membri;

(d) jgħaddi u jirċievi informazzjoni u l-aħjar prattika dwar l-applikazzjoni ta' miżuri ta' kumpens imsemmija f'dan l-Att.".

Taqsima VI
Emendi għall-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa

14. Din it-Taqsima temenda l-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa u għandha tinqara u tinftiehem ħaġa waħda mal-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa, hawnhekk iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima msejjaħ "l-Att prinċipali". Emendi għall-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa. Kap. 464.

15. L-artikolu 2 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda tal-artikolu 2 tal-Att prinċipali.

(a) it-tifsira "esperjenza professjonali" għandha tiġi

VERŻJONI ELETTRONIKA

sostitwita kif ġej:

" "esperjenza professjonali" tfisser it-twettiq attwali u legali *full-time* jew *part-time* ekwivalenti tal-professjoni kkonċernata fi Stat Membru;";

(b) minnufih wara t-tifsira "esperjenza professjonali" għandha tiżdied it-tifsira ġdida li ġejja:

" "Karta Professjonali Ewropea" tfisser ċertifikat elettroniku li juri li l-professjonist issodisfa l-kondizzjonijiet meħtieġa kollha sabiex jipprovdi s-servizzi fi Stat Membru ospitanti fuq bażi temporanja u okkażjonali jew ir-rikonoxximent tal-kwalifiki professjonali għall-istabbiliment fi Stat Membru ospitanti;";

(ċ) minnufih wara t-tifsira "Karta Professjonali Ewropea" għandha tiżdied it-tifsira ġdida li ġejja:

" "krediti ECTS" tfisser is-sistema ta' krediti għall-edukazzjoni għolja użata fiż-Żona Ewropea ta' Edukazzjoni Għolja;";

(d) minnufih wara t-tifsira "prova ta' kwalifiki formali" għandha tiżdied it-tifsira ġdida li ġejja:

" "raġunijiet prevalenti ta' interess ġenerali" tfisser raġunijiet rikonoxxuti bħala tali fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea;";

(e) minnufih wara t-tifsira "Stat Membru" għandha tiżdied it-tifsira ġdida li ġejja:

" "tagħlim tul il-ħajja" tfisser l-edukazzjoni ġenerali, l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, l-edukazzjoni mhux formali u t-tagħlim informali kollha li ttieħdu tul il-ħajja, li jirriżultaw f'titjib fl-għarfien, fil-ħiliet u l-kompetenzi, li jista' jinkludi l-etika professjonali;";

(f) minnufih wara t-tifsira ġdida "tagħlim tul il-ħajja" għandha tiżdied it-tifsira ġdida li ġejja:

" "taħriġ prattiku professjonali" tfisser perijodu ta' prattika professjonali mwettqa taħt superviżjoni sakemm jikkostitwixxi kondizzjoni għall-aċċess għal professjoni regolata, u li jista' jseħħ jew matul jew wara t-tlestija ta' kors li jwassal għal diploma;"; u

VERŻJONI ELETTRONIKA

(g) it-tifsira "test ta' ħila" għandha tiġi sostitwita b'dan li ġej:

" "test ta' ħila" tfisser test tal-għarfien, il-ħiliet u l-kompetenzi professjonali tal-applikant, mwettaq jew rikonoxxut mill-Kunsilli rilevanti bl-għan li jivvaluta l-abilità tal-applikant li jeżerċita professjoni regolata f'Malta;".

Emenda tal-artikolu 13 tal-Att prinċipali.

16. Is-subartikolu (3) tal-artikolu 13 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu (e) tiegħu, minflok il-kliem "il-preparazzjoni, ittestjar, ħżin u provista ta' prodotti mediċinali" għandhom jidħlu l-kliem "il-provvista, il-preparazzjoni, ittestjar, ħżin, it-tqassim u l-għoti ta' prodotti mediċinali sikuri u effikaċi tal-kwalità meħtieġa";

(b) fil-paragrafu (f) tiegħu, minflok il-kliem "prodotti mediċinali fl-isptarijiet" għandhom jidħlu l-kliem "prodotti mediċinali sikuri u effikaċi tal-kwalità meħtieġa fl-isptarijiet;";

(ċ) fil-paragrafu (g) tiegħu, minflok il-kliem "prodotti mediċinali" għandhom jidħlu l-kliem "prodotti mediċinali bħala tali, inkluż dwar l-użu xieraq tagħhom;"; u

(d) minnufih wara l-paragrafu (g) tiegħu għandhom jidħlu l-paragrafi ġodda li ġejjin:

"(h) ir-rappurtar tar-reazzjonijiet avversi tal-prodotti farmaċewtiċi lill-awtoritajiet kompetenti;

(i) appoġġ personalizzat lill-pazjenti li jimmedikaw lilhom infushom;

(j) kontribut għall-kampanji ta' saħħa pubblika lokali jew nazzjonali.".

Emenda tal-artikolu 23 tal-Att prinċipali.

17. Il-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) tal-artikolu 23 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subparagrafu (i) tiegħu għandu jiġi sostitwit kif ġej:

"(i) taħriġ *full-time* ta' mill-inqas tliet snin bħala qabla, li jista' wkoll jiġi espress fi krediti ekwivalenti tal-ECTS, li jinkludu mill-inqas 4,600 siegħa ta' edukazzjoni teoretika u prattika, li mill-inqas terz ta' dan

VERŻJONI ELETTRONIKA

il-perijodu jkun taħriġ kliniku;";

(b) fis-subparagrafu (ii) tiegħu, minflok il-kliem "ta' mill-inqas sentejn jew 3,600 siegħa" għandhom jidħlu l-kliem "ta' mill-inqas sentejn li jista' wkoll jiġi espress fi krediti ekwivalenti tal-ECTS, li jikkonsistu f'tal-inqas 3,600 siegħa"; u

(ċ) fis-subparagrafu (iii) tiegħu, minflok il-kliem "mill-inqas 18-il xahar jew 3,000 siegħa" għandhom jidħlu l-kliem "mill-inqas 18-il xahar, li jista' wkoll jiġi espress fi krediti ekwivalenti tal-ECTS, li jikkonsisti f'tal-inqas 3,000 siegħa".

Emenda tal-artikolu 42 tal-Att prinċipali.

18. L-artikolu 42 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subparagrafi (d) sa (h) tal-paragrafu (iii) tas-subartikolu (1) tiegħu għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala s-subparagrafi (e) sa (i) rispettivament;

(b) minnufih wara s-subparagrafu (ċ) tal-paragrafu (iii) tas-subartikolu (1) tiegħu għandu jiżdied dan li ġej:

"(d) jekk l-applikant huwiex sospiż jew projbit milli jwettaq il-professjoni minħabba kondotta professjonali ħażina u serja jew kundanna għal offiżi relatati mat-twettiq ta' waħda mill-attivitajiet tiegħu;";

(ċ) fis-subparagrafu (i), kif enumerat mill-ġdid, tal-paragrafu (iii) tas-subartikolu (1) tiegħu minnufih wara l-kliem "tal-professjoni f'Malta." għandhom jidħlu l-kliem "Il-Kunsill rilevanti għandu jiżgura li kwalunkwe verifika mwettqa minnu sabiex tiġi kontrollata l-konformità ma' dan l-obbligu tkun limitata għall-għarfien ta' lingwa uffiċjali waħda ta' Malta, jew lingwa amministrattiva waħda ta' Malta sakemm tkun ukoll lingwa uffiċjali tal-Unjoni, u illi l-verifiki mwettqa jiġu imposti biss jekk il-professjoni li ser tiġi eżerċitata għandha implikazzjonijiet ta' sikurezza għall-pazjent jew f'każijiet fejn ikun hemm dubju serju u konkret dwar is-suffiċjenza tal-għarfien tal-lingwa professjonali fir-rigward tal-attivitajiet professjonali li dak il-professjonist għandu l-ħsieb iwettaq. Kull verifika tal-għarfien lingwistiku għandha tkun proporzjonata mal-attività li għandha titwettaq, u soġġetta għal appell skont l-artikolu 49;";

(d) minnufih wara s-subparagrafu (i), kif enumerat mill-ġdid, tal-paragrafu (iii) tas-subartikolu (1) tiegħu għandu jiżdied il-proviso li ġej:

VERŻJONI ELETTRONIKA

"Iżda, il-verifiki jistgħu jitwettqu biss wara l-ħruġ ta' Karta Professjonali Ewropea b'mod konformi mal-artikolu 42F jew wara r-rikonoxximent ta' kwalifika professjonali, skont il-każ.";

(e) fis-subparagrafu (iii) tal-paragrafu (a) tas-subartikolu (4) tiegħu minflok il-kliem "fl-Istat Membru ta' stabbiliment għal mill-inqas sentejn" għandhom jidħlu l-kliem "fi Stat Membru wieħed jew aktar għal minimu ta' sena"; u minflok il-kliem "f'dak l-Istat Membru" għandhom jidħlu l-kliem "fl-Istat Membru ta' stabbiliment";

(f) fil-paragrafu (a) tas-subartikolu (6) tiegħu, minnufih wara l-kliem "b'kull mezz li jrid." għandhom jidħlu l-kliem "Il-preżentazzjoni ta' dikjarazzjoni meħtieġa mill-fornitur ta' servizz tintitola lil dak il-fornitur ta' servizz biex ikollu aċċess għall-attività tas-servizz jew li jeżerċita dik l-attività fit-territorju kollu ta' Malta.";

(g) minnufih wara s-subparagrafu (iii) tal-paragrafu (b) tas-subartikolu (6) tiegħu, għandhom jiżdiedu s-subparagrafi ġodda li ġejjin:

"(iv) għall-każijiet imsemmija fis-subparagrafu (iii) tal-paragrafu (a) tas-subartikolu (4), kull mezz ta' prova li l-fornitur ta' servizz eżerċita l-attività konċernata għal tal-anqas sena matul l-għaxar snin preċedenti;

(v) fejn il-Kunsill rilevanti jkun jeħtieġ dan għaċ-ċittadini tiegħu, attestazzjoni li tikkonferma l-assenza ta' sospensjoni temporanja jew finali mit-twettiq tal-professjoni jew ta' kundanna penali;

(vi) għall-professjonijiet li għandhom implikazzjonijiet marbuta mas-sikurezza tal-pazjenti, dikjarazzjoni dwar l-għarfien tal-lingwa neċessarja għall-eżerċitar tal-professjoni f'Malta."; u

(h) il-paragrafu (e) tas-subartikolu (6) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(e) Mhux aktar tard minn xahar wara li jkun irċieva d-dikjarazzjoni u d-dokumenti li jakkumpanjawha, il-Kunsill rilevanti għandu jgħarraf lill-fornitur ta' servizz bid-deċiżjoni tiegħu:

(i) li ma jivverifikax il-kwalifiki

VERŻJONI ELETTRONIKA

professjonali tiegħu;

(ii) wara li jkun ivverifika l-kwalifiki professjonali tiegħu, li jitolbu jagħmel test ta' ħila jew li jippermetti l-forniment tas-servizzi.

Fejn ikun hemm diffikultà li tkun ser tirriżulta f'dewmien fit-teħid ta' deċiżjoni, il-Kunsill rilevanti għandu jinnotifika lill-fornitur ta' servizz bir-raġuni għad-dewmien sal-istess skadenza. Id-diffikultà għandha tiġi solvuta fi żmien xahar minn dik in-notifika u d-deċiżjoni tiġi finalizzata fi żmien xahrejn mir-riżoluzzjoni tad-diffikultà.";

(i) il-paragrafu (f) tas-subartikolu (6) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(f) Fejn ikun hemm differenza sostanzjali bejn il-kwalifiki professjonali tal-fornitur tas-servizz u t-taħriġ meħtieġ, tant li d-differenza tkun ta' dannu għas-saħħa jew is-sikurezza pubblika, u ma tistax tiġi kkumpensata minn esperjenza professjonali jew mill-għarfien, ħiliet u kompetenzi miksuba permezz tat-tagħlim tul il-ħajja tal-fornitur tas-servizz, ivvalidati formalment għal dak il-għan minn korp rilevanti, il-Kunsill rilevanti għandu jagħti lil dak il-fornitur tas-servizz l-opportunità li juri, permezz ta' test ta' ħila li jkun kiseb l-għarfien, il-ħiliet jew il-kompetenza li kienu neqsin. Il-Kunsill rilevanti għandu jieħu deċiżjoni abbażi ta' dak dwar jekk jippermettix il-forniment ta' servizzi. Fi kwalunkwe każ, għandu jkun possibbli li jiġi pprovdut is-servizz fi żmien xahar mid-deċiżjoni meħuda skont il-paragrafu preċedenti.";

(j) fil-paragrafu (a) tas-subartikolu (7) tiegħu, minflok il-kliem "tal-Istat Membru ta' stabbiliment" għandhom jidħlu l-kliem "tal-Istat Membru ta' stabbiliment, f'każ ta' dubju ġustifikat"; u minnufih wara l-kliem "kriminali li jkollha xorta professjonali." għandhom jidħlu l-kliem "Fil-każ li l-Kunsill rilevanti jiddeċiedi li jivverifika l-kwalifiki professjonali tal-fornitur tas-servizz, jista' jitlob lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ta' stabbiliment informazzjoni dwar il-korsijiet ta' taħriġ tal-fornitur tas-servizz sa fejn dan ikun meħtieġ sabiex jiġu valutati d-differenzi sostanzjali li x'aktarx ikunu ta' dannu għas-saħħa jew is-sikurezza pubblika."; u

(k) minnufih wara l-paragrafu (b) tas-subartikolu (8)

VERŻJONI ELETTRONIKA

tiegħu, għandu jiżdied dan li ġej:

"(ċ) Aċċess parzjali għal professjoni għandu jingħata skont il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-artikolu 42H.".

Emenda tal-artikolu 42A tal-Att prinċipali.

19. L-artikolu 42A tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu (a) tas-subartikolu (2) tiegħu għandu jiġi mħassar;

(b) il-paragrafu (b) tas-subartikolu (2) tiegħu għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala l-paragrafu (a);

(ċ) il-paragrafu (ċ) tas-subartikolu (2) tiegħu għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala l-paragrafu (b), u minflok il-kliem "u dik id-differenza tkun tikkonsisti f'taħriġ speċifiku li jkun meħtieġ f'Malta u li" għandhom jidħlu l-kliem "u t-taħriġ meħtieġ f'Malta";

(d) minnufih wara l-paragrafu (d) tas-subartikolu (3) tiegħu, għandu jiżdied il-paragrafu ġdid li ġej:

"(e) Minkejja d-dritt tal-applikant li jagħżel, kif stabbilit fil-paragrafu (a), il-Kunsill rilevanti jista' jistipula jew perijodu ta' adattament jew test ta' ħila fil-każ ta':

(i) detentur ta' kwalifika professjonali msemmi fis-subartikolu (5)(a), li japplika għal rikonoxximent tal-kwalifiki professjonali tiegħu fejn il-kwalifika professjonali nazzjonali meħtieġa tkun klassifikata taħt is-subartikolu (5)(ċ); jew

(ii) detentur ta' kwalifika professjonali msemmi fis-subartikolu (5)(b), li japplika għal rikonoxximent tal-kwalifiki professjonali tiegħu fejn il-kwalifika professjonali nazzjonali meħtieġa tkun klassifikata taħt is-subartikolu (5)(d) jew (e).

Fil-każ ta' detentur ta' kwalifika professjonali msemmi fis-subartikolu (5)(a) li japplika għal rikonoxximent tal-kwalifiki professjonali tiegħu fejn il-kwalifika professjonali nazzjonali meħtieġa tkun klassifikata taħt is-subartikolu (5)(d), il-Kunsill rilevanti jista' jimponi kemm perijodu ta' adattament kif ukoll test ta' ħila.";

VERŻJONI ELETTRONIKA

(e) fis-subartikolu (3) tiegħu, minflok il-kliem "l-għarfien tagħhom" għandhom jidħlu l-kliem "l-għarfien, il-ħiliet u l-kompetenzi miksuba dwarhom"; u l-kliem "għal kemm żmien idum jew" għandhom jiġu mħassra;

(f) is-subartikolu (4) tiegħu għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala s-subartikolu (4)(a); minflok il-kliem "għarfien miksub" għandhom jidħlu l-kliem "għarfien, il-ħiliet u l-kompetenzi miksuba"; u minflok il-kliem "tal-esperjenza professjonali" għandhom jidħlu l-kliem "tal-esperjenza professjonali tiegħu jew waqt it-tagħlim tul il-ħajja, u vvalidati formalment għal dak il-għan minn korp rilevanti";

(g) minnufih wara s-subartikolu (4)(a) tiegħu, kif enumerat mill-ġdid, għandhom jiżdiedu l-paragrafi ġodda li ġejjin:

"(b) Id-deċiżjoni ta' Kunsill rilevanti li timponi perijodu ta' adattament jew test ta' ħila għandha tkun ġustifikata kif xieraq u l-applikant għandu jingħata informazzjoni dwar il-livell tal-kwalifika professjonali meħtieġa f'Malta u l-livell ta' kwalifika professjonali miżmum mill-applikant skont il-klassifika stabbilita fis-subartikolu (5), u d-differenzi sostanzjali msemmija fis-subartikolu (3) u r-raġunijiet li għalihom dawk id-differenzi ma jistgħux jiġu kkumpensati bl-għarfien, il-ħiliet u l-kompetenzi miksuba matul l-esperjenza professjonali jew matul it-tagħlim tul il-ħajja, ivvalidati formalment għal dak il-għan minn korp rilevanti.

(ċ) Il-Kunsill rilevanti għandu jiżgura li l-applikant ikollu l-possibbiltà li jagħmel t-test ta' ħila msemmi fis-subartikolu (2) sa mhux aktar tard minn sitt xhur wara d-deċiżjoni inizjali li timponi test ta' ħila fuq l-applikant.";

(h) is-subparagrafu (ii) tal-paragrafu (ċ) tas-subartikolu (5) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(ii) l-edukazzjoni u t-taħriġ regolati jew, fil-każ ta' professjonijiet regolati, taħriġ vokazzjonali bi struttura speċjali, b'kompetenzi li jmorru lil hinn minn dak li huwa speċifikat fil-paragrafu (b), ekwivalenti għal-livell ta' taħriġ speċifikat fis-subparagrafu (i), jekk dan it-taħriġ jipprovdi *standard* professjonali komparabbli u jipprepara lill-apprendist għal livell komparabbli ta' responsabbiltajiet u funzjonijiet, dejjem jekk id-diploma tkun akkumpanjata minn ċertifikat mill-Istat Membru ta'

VERŻJONI ELETTRONIKA

oriġini;";

(i) il-paragrafu (d) tas-subartikolu (5) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(d) diploma li tiċċertifika tlestija b'suċċess tat-taħriġ fil-livell postsekondarju ta' mill-inqas tliet snin u mhux aktar minn erbgħa, jew tul ta' żmien ekwivalenti fuq bażi *part-time*, li, barra minn hekk tista' tiġi espressa b'numru ekwivalenti ta' krediti ECTS, f'università jew stabbiliment ta' edukazzjoni għolja jew stabbiliment ieħor ta' livell ekwivalenti u, fejn dan ikun xieraq, li hu lesta b'suċċess it-taħriġ professjonali flimkien mal-kors postsekondarju;";

(j) fil-paragrafu (e) tas-subartikolu (5) tiegħu minflok il-kliem "fuq bażi *part-time*" għandhom jidħlu l-kliem "fuq bażi *part-time*, li, barra minn hekk, tista' tiġi espressa b'numru ekwivalenti ta' krediti ECTS,";

(k) fil-paragrafu (a) tas-subartikolu (6) tiegħu minflok il-kliem "jiċċertifika li jkun intemm b'suċċess it-taħriġ fil-Komunità" għandhom jidħlu l-kliem "jiċċertifikaw it-tlestija b'suċċess ta' taħriġ fl-Unjoni, fuq bażi *full-time* jew *part-time*, fi ħdan jew barra l-programmi formali";

(l) fis-subartikolu (8) tiegħu l-kliem "jew attestazzjoni ta' livell ta' kwalifika professjonali mill-inqas ekwivalenti għal-livell li jiġi minnufih qabel dak li jkun meħtieġ kif provdut b'dan l-Att" għandhom jiġu mħassra;

(m) fis-subartikolu (9) tiegħu:

(i) minflok il-kelma "sentejn" għandhom jidħlu l-kliem "sena jew għal perijodu globali ekwivalenti fuq bażi *part-time*";

(ii) il-kliem "dokumenti li jipprovdu" għandhom jiġu mħassra;

(iii) il-paragrafu (b) tiegħu għandu jiġi mħassar;

(iv) il-paragrafu (ċ) tiegħu għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala l-paragrafu (b);

(v) il-proviso tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

VERŻJONI ELETTRONIKA

"Iżda, is-sena ta' esperjenza professjonali ma tistax, madankollu, tkun meħtieġa jekk il-prova ta' kwalifiki formali li jippossjedi l-applikant tiċċertifika edukazzjoni u taħriġ regolati.";

(n) is-subartikolu (10) għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala s-subartikolu (11);

(o) minnufih wara s-subartikolu (9) għandu jiżdied is-subartikolu ġdid li ġej:

"(10) Il-Kunsill rilevanti għandu jaċċetta l-livell attestat skont is-subartikolu (5) mill-Istat Membru ta' oriġini, kif ukoll iċ-ċertifikat li permezz tiegħu l-Istat Membru ta' oriġini jiċċertifika li l-edukazzjoni jew it-taħriġ vokazzjonali bi struttura speċjali msemmi fis-subartikolu (5)(ċ)(ii) huwa ekwivalenti għal-livell previst fis-subartikolu (5)(ċ)(i).";

(p) is-subartikolu (11) tiegħu, kif enumerat mill-ġdid, għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(11) Minkejja dak previst fis-subartikoli (8) u (9) u fl-artikolu 42B, il-Kunsill rilevanti jista' jirrifjuta l-aċċess għal u l-eżerċitar tal-professjoni għal detenturi ta' attestazzjoni ta' livell ta' kompetenza klassifikata taħt is-subartikolu (5)(a) fejn il-kwalifika professjonali nazzjonali meħtieġa għat-twettiq tal-professjoni f'Malta tkun klassifikata fis-subartikolu (5)(e).".

Emenda tal-artikolu 42B tal-Att prinċipali.

20. L-artikolu 42B tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu (a) tas-subartikolu (1) tiegħu għandu jiġi mħassar;

(b) il-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) tiegħu għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala l-paragrafu (a);

(ċ) il-paragrafu (ċ) tas-subartikolu (1) tiegħu għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala l-paragrafu (b); u minflok il-kliem "u dik id-differenza tkun tikkonsisti f'taħriġ speċifiku li jkun meħtieġ f'Malta u li" għandhom jidħlu l-kliem "u t-taħriġ li jkun meħtieġ f'Malta";

(d) fil-paragrafu (a) tas-subartikolu (5) tiegħu, minflok il-kelma "l-għarfien" għandhom jidħlu l-kliem "l-għarfien, il-ħiliet u l-kompetenzi"; u minflok il-kliem "esperjenza

VERŻJONI ELETTRONIKA

professjonali tiegħu" għandhom jidħlu l-kliem "esperjenza professjonali jew mit-tagħlim tul il-ħajja tiegħu, ivvalidati formalment għal dak il-għan minn korp rilevanti,";

(e) fil-paragrafu (b) tas-subartikolu (5) tiegħu minflok il-kelma "l-għarfien" għandhom jidħlu l-kliem "l-għarfien, il-ħiliet u l-kompetenzi"; u l-kliem "għal kemm żmien idum jew" għandhom jiġu mħassra; u

(f) minnufih wara s-subartikolu (5) tiegħu, għandhom jiżdiedu s-subartikoli ġodda li gejjin:

"(6) Id-deċiżjoni ta' Kunsill rilevanti li timponi perijodu ta' adattament jew test ta' ħila għandha tkun ġustifikata kif xieraq u l-applikant għandu jingħata informazzjoni dwar il-livell tal-kwalifika professjonali meħtieġa f'Malta u l-livell ta' kwalifika professjonali miżmum mill-applikant skont il-klassifika stabbilita fl-artikolu 42A(5), u d-differenzi sostanzjali msemmija fis-subartikolu (5) u r-raġunijiet li għalihom dawk id-differenzi ma jistgħux jiġu kkumpensati bl-għarfien, il-ħiliet u l-kompetenzi miksuba matul l-esperjenza professjonali jew matul it-tagħlim tul il-ħajja, ivvalidati formalment għal dak il-għan minn korp rilevanti.

(7) Il-Kunsill rilevanti għandu jiżgura li l-applikant ikollu l-possibbiltà li jagħmel it-test ta' ħila msemmi f'dan l-artikolu sa mhux aktar tard minn sitt xhur wara d-deċiżjoni inizjali li timponi test ta' ħila fuq l-applikant.".

Żjieda ta' artikolu ġdid mal-Att prinċipali.

21. Minnufih wara l-artikolu 42B tal-Att prinċipali għandu jiżdied l-artikolu ġdid li ġej:

"Karta Professjonali Ewropea.

42Ċ. (1) Kemm-il darba l-Kummissjoni Ewropea tkun adottat atti ta' implimentazzjoni kif speċifikat fid-Direttiva 2005/36/UE, il-Kunsill rilevanti għandu joħroġ għad-detenturi ta' kwalifika professjonali Karta Professjonali Ewropea fuq talba tagħhom.

VERŻJONI ELETTRONIKA

(2) Meta Karta Professjonali Ewropea tkun ġiet introdotta għal professjoni partikolari permezz tal-atti ta' implimentazzjoni rilevanti msemmija fis-subartikolu (1), id-detentur ta' kwalifika professjonali konċernata jista' jagħżel li japplika għal tali Karta jew li juża l-proċeduri previsti fit-Titoli II u III tad-Direttiva 2005/36/UE.

(3) Detentur ta' Karta Professjonali Ewropea għandu jibbenefika mid-drittijiet kollha mogħtija bl-artikoli 42D sa 42G.

(4) Fejn id-detentur ta' kwalifika professjonali jkun beħsiebu jipprovdi servizzi taħt it-Titolu II tad-Direttiva 2005/36/UE għajr dawk koperti bl-Artikolu 7(4) tal-istess Direttiva, il-Kunsill rilevanti għandu joħroġ il-Karta Professjonali Ewropea skont l-artikoli 42D u 42E.

(5) Il-Kunsill rilevanti għandu wkoll, f'każijiet fejn Malta tkun l-Istat Membru ospitanti, jirrikonoxxi Karta Professjonali Ewropea bħala dikjarazzjoni magħmula skont l-artikolu 42.

(6) Fejn id-detentur ta' kwalifika professjonali jkun beħsiebu jistabbilixxi ruħu fi Stat Membru ieħor skont il-Kapitoli I sa IIIa tat-Titolu III tad-Direttiva 2005/36/UE jew li jipprovdi servizzi skont l-Artikolu 7(4) tad-Direttiva 2005/36/UE, il-Kunsill rilevanti għandu jikkompleta l-passi preparatorji kollha fir-rigward tad-*dossier* individwali tal-applikant maħluq fi ħdan is-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern (IMI) ('*dossier* tal-IMI') kif previst fl-artikoli 42D u 42F. Il-Kunsill rilevanti għandu joħroġ il-Karta Professjonali Ewropea skont l-artikoli 42D u 42F. Għall-fini tal-istabbiliment, il-ħruġ ta' Karta Professjonali Ewropea m'għandux jipprovdi dritt awtomatiku li tiġi eżerċitata professjoni partikolari jekk ikun hemm rekwiżiti ta' reġistrazzjoni jew proċeduri oħra ta' kontroll diġà fis-seħħ f'Malta qabel ma tiġi introdotta Karta Professjonali Ewropea għal dik il-professjoni.

VERŻJONI ELETTRONIKA

(7) Il-Kunsill rilevanti għandu jkun responsabbli għall-ġestjoni tad-*dossiers* tal-IMI u għall-ħruġ ta' Karti Professjonali Ewropej. Il-Kunsill rilevanti għandu jiżgura pproċessar imparzjali, oġġettiv u tempestiv tal-applikazzjonijiet għal Karti Professjonali Ewropej. Il-Kunsilli rilevanti għandhom jgħarrfu liċ-ċittadini, inklużi lill-applikanti prospettivi, dwar il-funzjonament u l-valur miżjud ta' Karta Professjonali Ewropea għall-professjonijiet li għalihom tkun disponibbli.

(8) Il-Kunsilli rilevanti jistgħu jesiġu l-ħlas ta' tariffa sabiex tinħareġ Karta Professjonali Ewropea, sakemm it-tariffa tkun raġonevoli u proporzjonata meta mqabbla mal-ispejjeż imġarrba mill-Kunsilli rilevanti, u ma għandhiex taġixxi bħala diżinċentiv għal min irid japplika għal Karta Professjonali Ewropea.".

Żjieda ta' artikolu ġdid mal-Att prinċipali.

22. Minnufih wara l-artikolu 42Ċ tal-Att prinċipali għandu jiżdied l-artikolu ġdid li ġej:

"Applikazzjonijiet għal Karta Professjonali Ewropea.

42D. (1) F'każijiet fejn Malta hija l-Istat Membru tal-oriġini, il-Kunsill rilevanti għandu jippermetti lil detentur ta' kwalifika professjonali japplika għal Karta Professjonali Ewropea permezz ta' għodda *online* li toħloq awtomatikament *dossier* tal-IMI għall-applikant partikolari. Applikazzjonijiet bil-miktub m'għandhomx ikunu permessi.

(2) L-applikazzjonijiet għandhom jiġu appoġġati mid-dokumenti meħtieġa fl-atti ta' implimentazzjoni li għandhom jiġu adottati mill-Kummissjoni Ewropea skont id-Direttiva 2005/36/KE.

(3) Fi żmien ġimgħa minn meta jirċievi l-applikazzjoni, il-Kunsill rilevanti għandu jikkonferma li rċieva l-applikazzjoni u jgħarraf lill-applikant dwar kwalunkwe dokument nieqes. Fejn applikabbli, il-Kunsill rilevanti għandu joħroġ kwalunkwe ċertifikat ta' prova meħtieġ taħt dan l-Att jew id-Direttiva 2005/36/KE. Il-Kunsill rilevanti għandu jivverifika

VERŻJONI ELETTRONIKA

jekk l-applikant huwiex stabbilit legalment f'Malta u jekk id-dokumenti meħtieġa kollha li nħarġu f'Malta humiex validi u awtentiċi. Fil-każ ta' dubji debitament ġustifikati, il-Kunsill rilevanti għandu jikkonsulta lil korp rilevanti u jista' jitlob mill-applikant kopji ċertifikati tad-dokumenti. Fil-każ ta' applikazzjonijiet sussegwenti mill-istess applikant, il-Kunsill rilevanti ma jistax jitlob il-preżentazzjoni mill-ġdid tad-dokumenti li diġà jinsabu fid-*dossier* tal-IMI u li jkunu għadhom validi.

(4) F'każijiet fejn Malta hija l-Istat Membru ospitanti, il-Kunsill rilevanti ma jistax jitlob il-preżentazzjoni mill-ġdid tad-dokumenti li diġà jinsabu fid-*dossier* tal-IMI u li jkunu għadhom validi.".

Żjieda ta' artikolu ġdid mal-Att prinċipali.

23. Minnufih wara l-artikolu 42D tal-Att prinċipali għandu jiżdied l-artikolu ġdid li ġej:

"Verifika tal-applikazzjoni u tad-dokumenti ta' prova.

42E. (1) F'każijiet fejn Malta hija l-Istat Membru tal-oriġini, il-Kunsill rilevanti għandu jivverifika l-applikazzjoni u d-dokumenti ta' prova fid-*dossier* tal-IMI u joħroġ il-Karta Professjonali Ewropea għall-forniment temporanju u okkażjonali ta' servizzi għajr dawk koperti bl-Artikolu 7(4) tad-Direttiva 2005/36/UE fi żmien tliet ġimgħat. Dak il-perijodu ta' żmien għandu jibda malli jaslu d-dokumenti li kienu neqsin imsemmijin fis-subartikolu 42D jew, jekk ma ntalbux dokumenti oħra, malli jiskadi l-perijodu ta' żmien ta' ġimgħa msemmi f'dak is-subartikolu. Wara dan, il-Kunsill rilevanti għandu jittrasmetti l-Karta Professjonali Ewropea minnufih lill-awtorità kompetenti ta' kull Stat Membru ospitanti kkonċernat u għandu jgħarraf lill-applikant kif xieraq.

(2) F'każijiet fejn Malta hija l-Istat Membru ospitanti, il-Kunsill rilevanti ma jistax jeħtieġ dikjarazzjoni oħra skont l-artikolu 42 għat-tmintax-il xahar ta' wara.

(3) Id-deċiżjoni tal-Kunsill rilevanti, jew in-nuqqas ta' deċiżjoni fi żmien il-perijodu ta' tliet ġimgħat imsemmi fis-subartikolu (1), huma soġġetti għal appell skont l-artikolu 49.

VERŻJONI ELETTRONIKA

(4) Jekk detentur ta' Karta Professjonali Ewropea jixtieq jipprovdi servizzi fi Stati Membri għajr dawk imsemmija inizjalment fl-applikazzjoni msemmija fis-subartikolu (1), dak id-detentur jista' japplika għal tali estensjoni. Jekk id-detentur jixtieq ikompli jipprovdi s-servizzi wara l-perijodu ta' tmintax-il xahar imsemmi fis-subartikolu (1), dak id-detentur għandu jinforma lill-Kunsill rilevanti kif xieraq. Fi kwalunkwe każ, dak id-detentur għandu jipprovdi wkoll kwalunkwe informazzjoni dwar bidliet materjali fis-sitwazzjoni ssostanzjata fid-*dossier* tal-IMI li tista' tkun meħtieġa mill-Kunsill rilevanti skont l-atti ta' implimentazzjoni li għandhom jiġu adottati mill-Kummissjoni Ewropea. Il-Kunsill rilevanti għandu jittrasmetti l-Karta Professjonali Ewropea aġġornata lill-Istati Membri ospitanti kkonċernati.

(5) Karta Professjonali Ewropea maħruġa minn awtorità kompetenti ta' Stat Membru ieħor għandha tkun valida fit-territorju sħiħ ta' Malta sakemm id-detentur jibqa' jkollu d-dritt li jipprattika fuq il-bażi tad-dokumenti u l-informazzjoni li tinstab fid-*dossier* tal-IMI.".

Żjieda ta' artikolu ġdid mal-Att prinċipali.

24. Minnufih wara l-artikolu 42E tal-Att prinċipali għandu jiżdied l-artikolu ġdid li ġej:

"Verifika tal-awtentiċità u l-validità tad-dokumenti ta' prova.

42F. (1) F'każijiet fejn Malta hija l-Istat Membru tal-oriġini, il-Kunsill rilevanti għandu, fi żmien xahar, jivverifika l-awtentiċità u l-validità tad-dokumenti ta' prova fid-*dossier* tal-IMI għall-fini tal-ħruġ ta' Karta Professjonali Ewropea għall-istabbiliment jew għall-forniment temporanju u okkażjonali tas-servizzi taħt l-Artikolu 7(4) tad-Direttiva 2005/36/UE. Dak il-perijodu ta' żmien għandu jibda minn meta jiġu riċevuti d-dokumenti li kienu

VERŻJONI ELETTRONIKA

neqsin imsemmijin fl-artikolu 42D(3) jew, jekk ma ntalbux dokumenti oħra, malli jiskadi l-perijodu ta' żmien ta' ġimgħa msemmi f'dak l-artikolu. Imbagħad, għandu jittrasmetti l-applikazzjoni minnufih lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti. Il-Kunsill rilevanti għandu jinforma lill-applikant dwar l-istatus tal-applikazzjoni fl-istess ħin li jittrasmetti l-applikazzjoni lill-Istat Membru ospitanti.

(2) F'każijiet fejn Malta hija l-Istat Membru ospitanti, fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 21 tad-Direttiva 2005/36/UE, il-Kunsill rilevanti għandu jiddeċiedi jekk joħroġx Karta Professjonali Ewropea skont is-subartikolu (1) fi żmien xahar minn meta jirċievi l-applikazzjoni trasmessa mill-Istat Membru ta' oriġini. F'każ ta' dubji debitament ġustifikati, il-Kunsill rilevanti jista' jitlob informazzjoni addizzjonali, jew l-inklużjoni ta' kopja ċertifikata ta' dokument, mill-Istat Membru ta' oriġini, li dan tal-aħħar għandu jipprovdi mhux aktar tard minn ġimagħtejn wara l-preżentazzjoni tat-talba. Bla ħsara għas-subartikolu (5), il-perijodu ta' xahar għandu japplika minkejja kwalunkwe tali talba:

Iżda, f'każijiet fejn Malta hija l-Istat Membru tal-oriġini, minn meta jirċievi t-talba għal informazzjoni addizzjonali jew l-inklużjoni ta' kopja ċertifikata ta' dokument mingħand l-Istat Membru ospitanti, il-Kunsill rilevanti għandu jipprovdi l-istess sa mhux aktar minn ġimagħtejn wara l-preżentazzjoni tat-talba.

(3) F'każijiet fejn Malta hija l-Istat Membru ospitanti, fil-każijiet imsemmija fl-artikolu 42(6), 42A(2) u 42B, il-Kunsill rilevanti għandu jiddeċiedi jekk joħroġx Karta Professjonali Ewropea jew jekk id-detentur ta' kwalifika professjonali għandux jiġi soġġett

VERŻJONI ELETTRONIKA

għal miżuri ta' kumpens fi żmien xahrejn minn meta jirċievi l-applikazzjoni trasmessa mill-Istat Membru ta' oriġini. F'każ ta' dubji debitament ġustifikati, il-Kunsill rilevanti jista' jitlob informazzjoni addizzjonali, jew l-inklużjoni ta' kopja ċertifikata ta' dokument, mill-Istat Membru ta' oriġini, li dan tal-aħħar għandu jipprovdi mhux aktar tard minn ġimagħtejn wara li tiġi ppreżentata t-talba. Bla ħsara għas-subartikolu (5), il-perijodu ta' xahrejn għandu japplika, minkejja kwalunkwe tali talba:

Iżda, f'każijiet fejn Malta hija l-Istat Membru tal-oriġini, minn meta jirċievi t-talba għal informazzjoni addizzjonali jew l-inklużjoni ta' dokument mingħand l-Istat Membru ospitanti, il-Kunsill rilevanti għandu jipprovdi l-istess sa mhux aktar minn ġimagħtejn wara l-preżentazzjoni tat-talba.

(4) F'każijiet fejn Malta hija l-Istat Membru ospitanti, f'każ li l-Kunsill rilevanti ma jirċevix l-informazzjoni neċessarja li jista' jeħtieġ skont dan l-artikolu biex jieħu deċiżjoni dwar il-ħruġ tal-Karta Professjonali Ewropea jew mill-Istat Membru ta' oriġini jew mill-applikant, jista' jirrifjuta li joħroġ il-Karta. Tali rifjut għandu jkun debitament ġustifikat.

(5) F'każijiet fejn Malta hija l-Istat Membru ospitanti, fejn il-Kunsill rilevanti jonqos milli jieħu deċiżjoni fil-limiti ta' żmien stabbiliti fis-subartikoli (2) u (3) jew jonqos milli jorganizza test ta' ħila skont l-artikolu 42(6), il-Karta Professjonali Ewropea għandha titqies li nħarġet u għandha tintbagħat awtomatikament, permezz ta' IMI, lid-detentur ta' kwalifika professjonali.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Il-Kunsill rilevanti għandu jkollu l-possibbiltà li jestendi b'ġimagħtejn l-iskadenzi stabbiliti fis-subartikoli (2) u (3) għall-ħruġ awtomatiku tal-Karta Professjonali Ewropea. Għandu jispjega r-raġuni għall-estensjoni u jinforma lill-applikant kif xieraq. Tali estensjoni tista' tiġi ripetuta darba u biss fejn tkun strettament meħtieġa, b'mod partikolari għal raġunijiet relatati mas-saħħa pubblika jew mas-sikurezza tar-riċevituri tas-servizz.

(6) F'każijiet fejn Malta hija l-Istat Membru ospitanti, l-azzjonijiet meħuda mill-Istat Membru ta' oriġini skont is-subartikolu (1) għandhom jieħdu post kull applikazzjoni għar-rikonoxximent tal-kwalifiki professjonali skont il-liġi nazzjonali ta' Malta.

(7) Id-deċiżjonijiet ta' Kunsill rilevanti meħuda taħt is-subartikoli (1) sa (5) jew in-nuqqas ta' deċiżjoni għandhom ikunu soġġetti għal appell taħt l-artikolu 49.".

Żjieda ta' artikolu ġdid mal-Att prinċipali.

25. Minnufih wara l-artikolu 42F tal-Att prinċipali għandu jiżdied l-artikolu ġdid li ġej:

"Aġġornar tad-*dossier* tal-IMI.

42G. (1) Mingħajr preġudizzju għall-preżunzjoni ta' innoċenza, il-Kunsill rilevanti għandu jaġġorna fil-ħin id-*dossier* tal-IMI korrispondenti bl-informazzjoni li tikkonċerna l-azzjonijiet dixxiplinarji jew is-sanzjonijiet penali li jikkonċernaw projbizzjoni jew restrizzjoni u li għandhom konsegwenzi għat-twettiq tal-attivitajiet mid-detentur ta' Karta Professjonali Ewropea skont dan l-Att jew id-Direttiva 2005/36/UE. Meta jagħmel dan, huwa għandu jirrispetta r-regoli dwar il-protezzjoni tad-*data* personali previsti fid-Direttiva 95/46/KE u fid-Direttiva 2002/58/KE. Dawn l-aġġornamenti għandhom jinkludu t-tħassir ta' informazzjoni li ma tkunx għadha meħtieġa. Id-detentur tal-Karta Professjonali Ewropea u l-Kunsilli rilevanti li għandhom aċċess għad-*dossier* tal-IMI korrispondenti għandhom jiġu mgħarrfa minnufih bi kwalunkwe aġġornar.

(2) Il-kontenut tal-aġġornar tal-informazzjoni msemmija fis-subartikolu (1) għandu jkun limitat għal dan li ġej:

(a) l-identità tal-professjonist;

VERŻJONI ELETTRONIKA

(b) il-professjoni kkonċernata;

(ċ) informazzjoni dwar l-awtorità nazzjonali jew il-qorti li adottat id-deċiżjoni dwar ir-restrizzjoni jew il-projbizzjoni;

(d) l-iskop tar-restrizzjoni jew tal-projbizzjoni; u

(e) il-perijodu li għalih tapplika r-restrizzjoni jew il-projbizzjoni.

(3) L-aċċess għall-informazzjoni fid-*dossier* tal-IMI għandu jkun limitat għall-Kunsill rilevanti, skont id-Direttiva 95/46/KE. Il-Kunsill rilevanti għandu jinforma lid-detentur tal-Karta Professjonali Ewropea dwar il-kontenut tad-*dossier* tal-IMI fuq talba ta' dak id-detentur.

(4) L-informazzjoni inkluża fil-Karta Professjonali Ewropea għandha tkun limitata għall-informazzjoni meħtieġa biex jiġi aċċertat id-dritt tad-detentur li jeżerċita l-professjoni li nħarġet għaliha, jiġifieri l-isem, il-kunjom, id-data u l-post tat-twelid, il-professjoni, il-kwalifiki formali tad-detentur u r-reġim applikabbli, l-awtoritajiet nominati jew kompetenti involuti, in-numru tal-Karta, il-karatteristiċi marbuta mas-sigurtà u r-referenza għal prova valida ta' identità. L-informazzjoni relatata mal-esperjenza professjonali miksuba, jew il-miżuri ta' kumpens li ġew sodisfatti, mid-detentur tal-Karta Professjonali Ewropea għandha tiġi inkluża fid-*dossier* tal-IMI.

(5) Id-*data* personali inkluża fid-*dossier* tal-IMI tista' tiġi pproċessata għal kemm tkun meħtieġa għall-fini tal-proċedura ta' rikonoxximent bħala tali u bħala evidenza tar-rikonoxximent jew tat-trasmissjoni tad-dikjarazzjoni meħtieġa skont l-Artikolu 7 tad-Direttiva 2005/36/UE jew l-artikolu 42. Id-detentur ta' Karta Professjonali Ewropea għandu d-dritt li jitlob ir-rettifika ta' *data* ineżatta jew inkompleta, jew it-tħassir jew l-imblukkar tad-*dossier* tal-IMI kkonċernat. Id-detentur għandu jiġi infurmat dwar dan id-dritt meta tinħareġ il-Karta Professjonali Ewropea, u għandu jġi mfakkar dwaru kull sentejn wara. It-tfakkira għandha tintbagħat awtomatikament permezz ta' IMI fejn l-applikazzjoni inizjali għall-Karta Professjonali Ewropea tkun tressqet *online*.

VERŻJONI ELETTRONIKA

F'każ ta' talba għat-tħassir ta' *dossier* tal-IMI marbut ma' Karta Professjonali Ewropea maħruġa għall-fini tal-istabbiliment jew tal-forniment temporanju u okkażjonali tas-servizzi skont l-Artikolu 7(4) tad-Direttiva 2005/36/UE jew l-artikolu 42(6), il-Kunsill rilevanti għandu jagħti lid-detentur tal-kwalifiki professjonali evidenza li tafferma r-rikonoxximent tal-kwalifiki professjonali tiegħu.

(6) Fir-rigward tal-ipproċessar tad-*data* personali fil-Karta Professjonali Ewropea u d-*dossiers* kollha tal-IMI, il-Kunsill rilevanti għandu jitqies bħala kontrollur fit-tifsira tal-punt (d) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 95/46/KE.

(7) Mingħajr preġudizzju għas-subartikolu (3), il-Kunsilli rilevanti għandhom jispeċifikaw li l-prinċipali, il-klijenti, il-pazjenti, l-awtoritajiet pubbliċi u partijiet interessati oħrajn jistgħu jivverifikaw l-awtentiċità u l-validità ta' Karta Professjonali Ewropea ppreżentata lilhom mid-detentur tal-Karta.".

Żjieda ta' artikolu ġdid mal-Att prinċipali.

26. Minnufih wara l-artikolu 42G tal-Att prinċipali għandu jiżdied l-artikolu ġdid li ġej:

"Aċċess għal attività professjonali.

42H. (1) Il-Kunsilli rilevanti għandhom jagħtu aċċess parzjali, abbażi ta' kull każ għalih, għal attività professjonali biss fejn jiġu sodisfatti l-kondizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) il-professjonist ikun kompletament ikkwalifikat biex jeżerċita fl-Istat Membru ta' oriġini l-attività professjonali li għaliha jitlob aċċess parzjali f'Malta;

(b) id-differenzi bejn l-attività professjonali mwettqa fl-Istat Membru ta' oriġini u l-professjoni regolata f'Malta tant huma kbar li l-applikazzjoni tal-miżuri ta' kumpens ikunu jirriżultaw fi ħtieġa li l-applikant ilesti l-programm sħiħ ta' edukazzjoni u taħriġ f'Malta sabiex ikollu aċċess għall-professjoni regolata sħiħa f'Malta;

VERŻJONI ELETTRONIKA

(ċ) l-attività professjonali tista' tiġi separata b'mod oġġettiv minn attivitajiet oħra li jaqgħu taħt il-professjoni regolata f'Malta; iżda, għal dan il-għan il-Kunsill rilevanti għandu jqis jekk l-attività professjonali tistax issir b'mod awtonomu f'Malta.

(2) L-aċċess parzjali jista' jiġi rifjutat jekk tali rifjut ikun ġustifikat minn raġunijiet prevalenti ta' interess ġenerali, xierqa biex jiġi żgurat li jintlaħaq l-objettiv mixtieq u ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jintlaħaq dak l-objettiv.

(3) L-applikazzjonijiet għall-fini tal-forniment ta' servizzi temporanji u okkażjonali f'Malta li jikkonċernaw attivitajiet professjonali b'implikazzjonijiet marbuta mas-saħħa u s-sikurezza pubblika għandhom jiġu eżaminati skont l-artikolu 42.

(4) Minkejja dak prevista fl-artikolu 42(6) u l-paragrafi 1(8)(a), (b) u (ċ) tas-Sitt Skeda, l-attività professjonali għandha titwettaq bit-titlu professjonali tal-Istat Membru ta' oriġini ladarba jingħata aċċess parzjali. Il-Kunsill rilevanti jista' jesiġi l-użu ta' dak it-titlu professjonali fil-lingwi ta' Malta. Il-professjonisti li jibbenefikaw minn aċċess parzjali għandhom jindikaw b'mod ċar lir-riċevituri tas-servizzi l-ambitu tal-attivitajiet professjonali tagħhom.

(5) Dan l-artikolu m'għandux japplika għall-professjonisti li jibbenefikaw minn rikonoxximent awtomatiku tal-kwalifiki professjonali tagħhom.".

Żjieda ta' artikolu ġdid mal-Att prinċipali.

27. Minnufih wara l-artikolu 42H tal-Att prinċipali għandu jiżdied l-artikolu ġdid li ġej:

VERŻJONI ELETTRONIKA

"Il-Kunsilli għandhom jiżguraw li r-rekwiżiti, il-proċeduri u l-formalitajiet kollha jiġu faċilment kompletati.

42I. (1) Il-Kunsilli rilevanti għandhom jiżguraw li r-rekwiżiti, il-proċeduri u l-formalitajiet kollha relatati ma' kwistjonijiet koperti mit-Taqsima VIII ikunu jistgħu jiġu faċilment kompletati, mill-bogħod u b'mezzi elettroniċi. Il-Kunsilli rilevanti jistgħu jirrikjedu kopji awtentikati fi stadju ulterjuri f'każ ta' dubji ġustifikati u fejn strettament neċessarju:

Iżda dan ma għandux japplika għat-twettiq ta' perijodu ta' adattament jew test tal-ħila.

(2) Fejn ikun ġustifikat li Kunsill rilevanti jitlob għal firem elettroniċi avvanzati, kif definit fil-punt 2 tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 1999/93/KE, għat-tlestija tal-proċeduri msemmija fis-subartikolu (1), il-Kunsill rilevanti għandu jaċċetta firem elettroniċi b'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/767/KE tas-16 ta' Ottubru 2009 u jipprovdi għal miżuri tekniċi sabiex jipproċessa dokumenti b'firem elettroniċi avvanzati f'formati definiti mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/130/UE tal-25 ta' Frar 2011.

Kap. 500.

(3) Il-proċeduri kollha għandhom jitwettqu skont l-artikolu 4(d) tal-Att dwar Servizzi li jingħataw fis-Suq Intern rigward il-punti ta' kuntatt waħdieni. L-iskadenzi proċedurali stabbiliti fl-artikoli 42(1)(f), (g) u (h) u 42(6) għandhom jibdew jiddekorru minn meta applikazzjoni jew kwalunkwe dokument nieqes ikunu ġew preżentati minn ċittadin lil punt ta' kuntatt waħdieni jew direttament lill-Kunsill rilevanti. Kwalunkwe talba għal kopji awtentikati msemmija fis-subartikolu (1) ma għandhiex tiġi kkunsidrata talba għal dokumenti nieqsa.".

Żjieda ta' artikolu ġdid mal-Att prinċipali.

28. Minnufih wara l-artikolu 42I tal-Att prinċipali għandu jiżdied l-artikolu ġdid li ġej:

VERŻJONI ELETTRONIKA

"Taħriġ prattiku professjonali.

42J. (1) Jekk l-aċċess għal professjoni regolata f'Malta jiddependi fuq it-tlestija ta' taħriġ prattiku professjonali, il-Kunsill rilevanti għandu, meta jkun qed jikkunsidra rikjesta għal awtorizzazzjoni sabiex tiġi eżerċitata l-professjoni regolata, jirrikonoxxi t-taħriġ prattiku mwettaq fi Stat Membru ieħor sakemm it-taħriġ prattiku huwa konformi mal-linji gwida ppubblikati msemmija fis-subartikolu (2), u għandu jqis it-taħriġ prattiku mwettaq f'pajjiż terz, soġġett għal limiti raġonevoli, stabbiliti mil-liġi, fuq it-tul ta' żmien ta' parti mit-taħriġ prattiku professjonali li jista' jitwettaq barra mill-pajjiż.

(2) Ir-rikonoxximent ta' taħriġ prattiku professjonali ma għandux jissostitwixxi xi rekwiżiti fis-seħħ sabiex wieħed jgħaddi minn eżami sabiex igawdi minn aċċess għall-professjoni inkwistjoni. Il-Kunsilli rilevanti għandhom jippubblikaw linji gwida dwar l-organizzazzjoni u r-rikonoxximent ta' taħriġ prattiku professjonali mwettaq fi Stat Membru ieħor jew f'pajjiż terz, b'mod partikolari dwar ir-rwol ta' superviżur tat-taħriġ prattiku professjonali.".

Emenda tal-artikolu 49 tal-Att prinċipali.

29. Fil-paragrafu (ċ) tas-subartikolu (3) tal-artikolu 49 tal-Att prinċipali, minflok il kliem "fl-artikolu 42" għandhom jidħlu l-kliem "fl-artikolu 42, jew li tħoss ruħha aggravata minn deċiżjoni ta' Kunsill rilevanti meta appell minn tali deċiżjoni huwa permess taħt it-Taqsima VIII".

Emenda tas-Sitt Skeda li tinsab mal-Att prinċipali.

30. Is-Sitt Skeda li tinsab mal-Att prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) minnufih wara s-subparagrafu (b) tal-paragrafu 1(8) tiegħu għandu jiżdied is-subparagrafu ġdid li ġej:

"(ċ) Il-Kunsill Mediku għandu jirrikonoxxi l-kwalifiki ta' tobba speċjalizzati miksuba fl-Italja, u elenkati fit-taqsimiet 1b u 1ċ tat-Tieni Skeda, lil tobba li bdew it-taħriġ speċjalizzat tagħhom wara l-31 ta' Diċembru 1983 u qabel l-1 ta' Jannar 1991, minkejja li t-taħriġ ikkonċernat ma jissodisfax ir-rekwiżiti ta' taħriġ kollha stabbiliti fid-Direttiva 2005/36/UE, jekk il-

VERŻJONI ELETTRONIKA

kwalifika tkun akkumpanjata minn ċertifikat maħruġ mill-awtoritajiet kompetenti Taljani li jiddikjara li t-tabib ikkonċernat kien effettivament u legalment qed jeżerċita, fl-Italja, attivitatjiet ta' speċjalista mediku fl-istess qasam speċjalizzat ikkonċernat, għal tal-inqas seba' snin konsekuttivi matul l-għaxar snin li jippreċedu l-għoti taċ-ċertifikat.";

(b) il-paragrafu (a) taħt it-titolu 'Drittijiet akkwiżiti li huma speċifiċi għal infermiera' tiegħu għandu jiġi mħassar;

(ċ) il-paragrafu (b) taħt it-titolu 'Drittijiet akkwiżiti li huma speċifiċi għal infermiera' għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala l-paragrafu (a) u jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(a) Meta r-regoli ġenerali ta' drittijiet akkwiżiti japplikaw għal infermiera responsabbli għall-kura ġenerali, l-attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 23 tad-Direttiva 2005/36/UE għandhom ikunu inkludew it-teħid ta' responsabbiltà sħiħa għall-ippjanar, l-organizzazzjoni u l-amministrazzjoni ta' kura li tingħata mill-infermiera lill-pazjent.";

(d) il-paragrafu (ċ) taħt it-titolu 'Drittijiet akkwiżiti li huma speċifiċi għal infermiera' għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala l-paragrafu (b) u jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(b) Il-Kunsill rilevanti għandu jirrikonoxxu provi ta' kwalifiki formali ta' infermiera li:

(i) ngħataw fil-Polonja, lil infermiera li lestew it-taħriġ qabel l-1 ta' Mejju 2004, li ma kkonformawx mar-rekwiżiti minimi ta' taħriġ stabbiliti fl-Artikolu 31 tad-Direttiva 2005/36/KE; u

(ii) li ġew attestati bid-diploma ta' 'baċċelerat' li kienet nkisbet fuq il-bażi ta' programm speċjali ta' titjib li jinstab:

- fl-Artikolu 11 tal-Att tal-20 ta' April 2004 dwar l-emenda tal-Att dwar il-professjonijiet ta' infermiera u qwiebel u dwar xi atti legali oħrajn (Il-Ġurnal Uffiċjali tar-Repubblika tal-Polonja tat-30 ta' April 2004 Nru 92, pos. 885 u tal-2007, Nru 176, pos. 1237), u r-Regolament tal-Ministru tas-Saħħa tal-11 ta' Mejju 2004 dwar il-kondizzjonijiet dettaljati tal-għoti ta' studji għal infermiera u qwiebel, li għandhom ċertifikat ta' skola

VERŻJONI ELETTRONIKA

sekondarja (eżami finali - imsejjaħ ‘matura’) u li ggradwaw minn liċeo mediku u skejjel vokazzjonali mediċi li jgħallmu dwar il-professjoni ta’ infermiera u qwiebel (Il-Ġurnal Uffiċjali tar-Repubblika tal-Polonja tal-2004 Nru 110, pos. 1170 u tal-2010 Nru 65, pos. 420), jew

- fl-Artikolu 52.3 punt 2 tal-Att tal-15 ta’ Lulju 2011 dwar il-professjonijiet ta’ infermiera u qwiebel (Il-Ġurnal Uffiċjali tar-Repubblika tal-Polonja tat-23 ta’ April 2011 Nru 174, pos. 1039); u r-Regolament tal-Ministru tas-saħħa tal-14 ta’ Ġunju 2012 dwar il-kondizzjonijiet dettaljati tal-għoti ta’ studji għal infermiera u qwiebel, li għandhom ċertifikat ta’ skola sekondarja (eżami finali - imsejjaħ ‘matura’) u li ggradwaw minn skola sekondarja medika jew postsekondarja medika li jgħallmu dwar il-professjoni ta’ infermiera u qwiebel (Il-Ġurnal Uffiċjali tar-Repubblika tal-Polonja tal-2012, pos. 770), bil-għan li jiġi verifikat li l-infermier ikkonċernat għandu livell ta’ għarfien u kompetenza komparabbli għal dak tal-infermiera li għandhom kwalifiki elenkati għall-Polonja, huma definiti fit-Tieni Skeda.

Fir-rigward tal-kwalifika Rumena ta’ infermiera responsabbli għall-kura ġenerali, id-dispożizzjonijiet tad-drittijiet miksubin li ġejjin biss għandhom japplikaw: fil-każ ta’ ċittadini ta’ Stati Membri li kienu mħarrġa bħala infermiera responsabbli għall-kura ġenerali fir-Rumanija u li t-taħriġ tagħhom ma jissodisfax ir-rekwiżiti minimi ta’ taħriġ stabbiliti fl-Artikolu 31 tad-Direttiva 2005/36/UE, il-Kunsill rilevanti għandu jirrikonoxxi l-evidenza li ġejja ta’ kwalifiki professjonali bħala infermier responsabbli għall-kura ġenerali bħala prova suffiċjenti, bil-kondizzjoni li l-evidenza hija akkumpanjata minn ċertifikat li jiddikjara li dawn iċ-ċittadini tal-Istat Membru kienu effettivament u legalment qed jeżerċitaw attivitajiet ta’ infermier responsabbli għall-kura ġenerali fir-Rumanija, inkluż it-teħid ta’ responsabbiltà sħiħa għall-ippjanar, l-organizzazzjoni u l-għoti ta’ kura ta’ infermier lill-pazjenti, għal perijodu ta’ tal-anqas tliet snin konsekuttivi matul il-ħames snin li jiġu qabel il-ħruġ taċ-ċertifikat:

VERŻJONI ELETTRONIKA

(i) *Certificat de competenþe profesionale de asistent medical generalist* b'edukazzjoni postsekondarja miksuba minn *școală postliceală*, li jattesta taħriġ li beda qabel l-1 ta' Jannar 2007;

(ii) *Diplomă de absolvire de asistent medical generalist* bi studji ta' edukazzjoni ogħla fi żmien qasir, li tattesta taħriġ li beda qabel l-1 ta' Ottubru 2003;

(iii) *Diplomã de licenþã de asistent medical generalist* bi studji ta' edukazzjoni ogħla fi żmien twil, li tattesta taħriġ li beda qabel l-1 ta' Ottubru 2003.";

(e) minnufih wara s-subparagrafu (e) taħt it-titolu 'Drittijiet akkwiżiti li huma speċifiċi għal dentisti' għandhom jiżdiedu l-paragrafi ġodda li ġejjin:

"(f) Fir-rigward tal-evidenza ta' kwalifiki formali tal-professjonisti tad-dentistrija, il-Kunsill rilevanti għandu jirrikonoxxi tali evidenza b'mod konformi mal-Artikolu 21 tad-Direttiva 2005/36/UE fil-każijiet fejn l-applikanti jkunu bdew it-taħriġ tagħhom fit-18 ta' Jannar 2016 jew qabel din id-data.

(g) Il-Kunsill rilevanti għandu jirrikonoxxi l-provi ta' kwalifiki formali bħala tabib maħruġa fi Spanja lil professjonisti li bdew it-taħriġ mediku universitarju tagħhom bejn l-1 ta' Jannar 1986 u l-31 ta' Diċembru 1997, akkumpanjati minn ċertifikat maħruġ mill-awtoritajiet kompetenti Spanjoli, kemm-il darba ċ-ċertifikat jikkonferma li l-kondizzjonijiet li ġejjin huma sodisfatti:

(i) il-professjonist inkwistjoni kkompleta b'suċċess tal-inqas tliet snin ta' studju, ċertifikati mill-awtoritajiet kompetenti Spanjoli bħala ekwivalenti għat-taħriġ imsemmi fl-Artikolu 34 tad-Direttiva 2005/36/UE;

(ii) il-professjonist inkwistjoni kien jeżerċita l-attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 36 tad-Direttiva 2005/36/UE effettivament, legalment u prinċipalment fi Spanja għal mhux inqas minn tliet snin konsekuttivi matul il-ħames snin li jippreċedu l-għoti taċ-ċertifikat;

(iii) il-professjonist inkwistjoni huwa awtorizzat li jeżerċita jew li effettivament, legalment u prinċipalment jeżerċita l-attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 36 tad-

VERŻJONI ELETTRONIKA

Direttiva 2005/36/UE, taħt l-istess kondizzjonijiet bħad-detenturi ta' provi ta' kwalifiki formali elenkati għal Spanja fit-Taqsima IIa tat-Tieni Skeda.";

(f) minflok is-subparagrafu 1(ċ) taħt it-titolu 'Drittijiet akkwiżiti li huma speċifiċi għal qwiebel' għandu jidħol il-paragrafu li ġej:

"(ċ) Fir-rigward ta' provi ta' kwalifiki formali ta' qwiebel, il-Kunsill rilevanti għandu jirrikonoxxi dawk il-kwalifiki b'mod awtomatiku fejn l-applikant ikun beda t-taħriġ qabel it-18 ta' Jannar 2016 u r-rekwiżit ta' ammissjoni għal dan it-taħriġ ikun ta' 10 snin ta' edukazzjoni ġenerali jew ta' livell ekwivalenti għar-rotta I, jew taħriġ komplet bħala infermiera responsabbli għal kura ġenerali kif attestat mill-evidenza ta' kwalifika formali msemmija fit-Taqsima V tat-Tieni Skeda qabel ma jibda t-taħriġ għall-qwiebel li jaqa' taħt ir-rotta II."; u

(g) minflok is-subparagrafu 1(d) taħt it-titolu 'Drittijiet akkwiżiti li huma speċifiċi għal qwiebel' għandu jidħol il-paragrafu li ġej:

"(d) Il-Kunsill rilevanti għandu jirrikonoxxi l-provi ta' kwalifiki formali bħala qabla li:

(i) ngħataw fil-Polonja, lil infermiera li temmew it-taħriġ tagħhom qabel l-1 ta' Mejju 2004, imma ma jikkonformawx mar-rekwiżiti minimi tat-taħriġ stabbiliti fl-Artikolu 40 tad-Direttiva 2005/36/UE; u

(ii) huma attestati b'diploma ta' baċċelerat li kienet inkisbet abbażi ta' programm ta' aġġornament speċjali li jinsab:

- fl-Artikolu 11 tal-Att tal-20 ta' April 2004 dwar l-emendi għall-Att dwar il-professjonijiet ta' infermiera u qwiebel u dwar xi atti legali oħra (Il-Ġurnal Uffiċjali tar-Repubblika tal-Polonja tat-30 ta' April 2004 Nru 92, pos. 885 u tal-2007 Nru 176, pos. 1237); u r-Regolament tal-Ministru tas-Saħħa tal-11 ta' Mejju 2004 dwar il-kondizzjonijiet dettaljati għal taħriġ lill-infermiera u qwiebel, li għandhom ċertifikat ta' skola sekondarja (eżami finali - imsejjaħ 'matura') u huma gradwati minn liċeo mediku u skejjel mediċi vokazzjonali li jipprovdu tagħlim fil-professjoni ta' infermiera u qabla (Il-Ġurnal Uffiċjali tar-Repubblika tal-Polonja tat-13 ta' Mejju

VERŻJONI ELETTRONIKA

2004 Nru 110, pos. 1170 u tal-2010 Nru 65, pos. 420); jew

- fl-Artikolu 53.3 punt 3 tal-Att tal-15 ta' Lulju 2011 dwar il-professjonijiet ta' infermiera u qwiebel (Il-Ġurnali Uffiċjali tar-Repubblika tal-Polonja tat-23 ta' Awwissu 2011 Nru 174, pos. 1039), u r-Regolament tal-Ministru tas-Saħħa tal-14 ta' Ġunju 2012 dwar il-kondizzjonijiet dettaljati tal-għoti ta' korsijiet ta' edukazzjoni ogħla għall-infermiera u l-qwiebel li għandhom ċertifikat ta' skola sekondarja (eżami finali - imsejjaħ 'matura') u li ggradwaw minn skola sekondarja medika jew skola postsekondarja li jgħallmu dwar il-professjoni ta' infermiera u qwiebel (Il-Ġurnal Uffiċjali tar-Repubblika tal-Polonja tal-2012, pos. 770), bil-għan li jkun verifikat li l-professjonist ikkonċernat għandu livell ta' għarfien u kompetenza komparabbli ma' dik tal-qwiebel li għandhom il-kwalifiki li, fil-każ tal-Polonja, huma stabbiliti fit-Tieni Skeda.".

Emenda tas-Seba' Skeda li tinsab mal-Att prinċipali.

31. Fis-Seba' Skeda tal-Att prinċipali, minnufih wara l-paragrafu (f) għandu jiżdied il-paragrafu ġdid li ġej:

"(g) Fejn il-Kunsill rilevanti jeħtieġ dan miċ-ċittadini tiegħu stess, attestazzjoni li tikkonferma l-assenza ta' sospensjonijiet temporanji jew finali mill-eżerċizzju ta' professjoni jew ta' kundanni penali.".

Taqsima VII
Emendi għall-Att dwar il-Professjoni tal-Psikoloġija

Emendi għall-Att dwar il-Professjoni tal-Psikoloġija. Kap. 471.

32. Din it-Taqsima temenda l-Att dwar il-Professjoni tal-Psikoloġija u għandha tinqara u tinftiehem ħaġa waħda mal-Att dwar il-Professjoni tal-Psikoloġija, hawnhekk iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima msejjaħ "l-Att prinċipali".

Emenda tal-artikolu 3 tal-Att prinċipali.

33. Fis-subartikolu (3) tal-artikolu 3 tal-Att prinċipali minflok il-kliem "Persuna ma tikkwalifikax" għandhom jidħlu l-kliem "Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-Att dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku ta' Kwalifiki u regolamenti magħmula taħt l-istess Att, persuna ma tikkwalifikax".

VERŻJONI ELETTRONIKA

Taqsima VIII

Emendi għall-Att dwar il-Professjoni tax-Xogħol maż-Żgħażagħ

34. Din it-Taqsima temenda l-Att dwar il-Professjoni tax-Xogħol maż-Żgħażagħ u għandha tinqara u tinftiehem ħaġa waħda mal-Att dwar il-Professjoni tax-Xogħol maż-Żgħażagħ, hawnhekk iżjed ’il quddiem f’din it-Taqsima msejjaħ "l-Att prinċipali". Emendi għall-Att dwar il-Professjoni tax-Xogħol maż-Żgħażagħ. Kap. 533.

35. Fis-subartikolu (3) tal-artikolu 3 tal-Att prinċipali minflok il-kliem "Persuna ma tikkwalifikax" għandhom jidħlu l-kliem "Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-Att dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku ta’ Kwalifiki u regolamenti magħmula taħt l-istess Att, persuna ma tikkwalifikax". Emenda tal-artikolu 3 tal-Att prinċipali.

Taqsima IX

Emendi għall-Att dwar il-Professjoni tal-*Counselling*

36. Din it-Taqsima temenda l-Att dwar il-Professjoni tal-*Counselling* u għandha tinqara u tinftiehem ħaġa waħda mal-Att dwar il-Professjoni tal-*Counselling*, hawnhekk iżjed ’il quddiem f’din it-Taqsima msejjaħ "l-Att prinċipali". Emendi għall-Att dwar il-Professjoni tal-*Counselling*. Kap. 538.

37. L-artikolu 3 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda tal-artikolu 3 tal-Att prinċipali.

(a) fis-subartikolu (3) tiegħu, minflok il-kliem "Persuna tikkwalifika għal" għandhom jidħlu l-kliem "Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-Att dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku ta’ Kwalifiki u regolamenti magħmula taħt l-istess Att, persuna tikkwalifika għal"; u

(b) fis-subartikolu (4) tiegħu, minflok il-kliem "Persuna tikkwalifika għal" għandhom jidħlu l-kliem "Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-Att dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku ta’ Kwalifiki u regolamenti magħmula taħt l-istess Att, persuna tikkwalifika għal".

Taqsima X

Setgħa għall-għemil ta’ regolamenti

38. Il-Ministru responsabbli għall-Edukazzjoni jista’ jagħmel regolamenti biex jemenda leġiżlazzjoni sussidjarja biex jiġu kompletament implimentati d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2013/55/UE. Setgħa għall-għemil ta’ regolamenti biex tiġi implimentata d-Direttiva 2013/55/UE.

VERŻJONI ELETTRONIKA

A 1068

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 406 tat-22 ta' Ġunju, 2016.

ANĠLU FARRUGIA
Speaker

RAYMOND SCICLUNA
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati